**MINUTI**

**Laqgħa tal-Kunsill Lokali ĦAL QORMI**
**ID-DISA LEĠISLATURA**

**Laqgħa Numru 14**

Il-Kunsill Lokali ltaqa' nhar il-Ħamis 13 ta' Marzu 2025, fl-uffiċċji tal-Kunsill Lokali Ħal Qormi, fi 392 Triq il-Vitorja Ħal Qormi, Ħal Qormi fis-6.00 ta' filgħaxija.

**PREŻENTI:**

Dr Josef Masini Vento
Xandru Mallia
Daniel Ablett
Jurgen Abela
Fiona Borg Lewis
Nicholai Falzon
Elke Cassar Sghendo
Alessio Decarlo

**ASSENTI B'APOLOGIJA**
Ralph Puli
Marvin Zammit
Doris Zammit

**ASSENTI**

**UFFIĊJAL PREŻENTI:**

Marilyn Baldacchino Gatt – Deputat Segretarju Eżekuttiv

**14.1 TALBA**

**Is-Sindku Dr Josef Masini Vento** fetaħ il-laqgħa billi qal it-talba.

**14.2 Qari ta' Ittri ta' Apoloġija**

**Is-Sindku Dr Josef Masini Vento** nforma li il-Kunsillier Marvin Zammit, Ralph Puli u Doris Zammit infurmaw lill-kunsill li ma setgħux jattendu għal-laqgħa.

**14.3 Approvazzjoni tal-Minuti Nru 11, 12 u 13**

**Is-Sindku Dr Josef Masini Vento** poġġa fuq il-mejda kopja tal-Minuti 11, 12 u 13 li kienu ċċirkulati lill-membri permezz ta' korrispondenza elettronika u meħuda bħala moqrija, għall-approvazzjoni.

**14.4 Emendi fil-Minuti**

Ma kien hemm l-ebda emenda għal-Minuti 11, 12 u 13.

**14.5 Skeda ta' Ħlasijiet**

**Id-Deputat Segretarju Eżekuttiv** poġġiet fuq il-mejda Skeda ta' Ħlasijiet għax-xahar ta' Frar 2025.

**Il-Kunsillier Daniel Ablett** ippropona l-approvazzjoni tal-iskeda ta' ħlasijiet.

**Il-Kunsillier Elke Cassar Sghendo** issekondat l-iskeda ta' ħlasijiet.

Il-Kunsill approva l-iskeda ta' ħlasijiet għax-xahar ta' Frar 2025 u l-iskeda tal-Petty Cash għax-xahar ta' Frar 2025.

**14.6 Provvediment ta' Servizzi Kulturali minn Għaqdiet Lokali Kulturali u taż-Żgħażagħ**

**Is-Sindku Dr Josef Masini Vento** nforma li il-Kuntratt bejn il-Kunsill Lokali u l-għaqdiet tad-drama skada f'Diċembru li għadda. Se nkunu qed inġeddu dan il-kuntratt, bl-istess kundizzjonijiet. Minħabba il-pożizzjoni finanzjarja tal-Kunsill, il-fondi allokati għal kull għaqda teatrali se tkun ta' € 1000 fis-sena.

Il-Kunsilliera kollha preżenti qablu ma din is-somma.

## 14.7 Komunikazzjoni tas-Sindku

### 14.7.1 Triq Dun Rene Cilia – Double Yellow Lines

**Is-Sindku Dr Josef Masini Vento** nforma li wara li saru id-double yellow lines fi Triq Dun Rene Cilia mal-ħajt tal-għalqa, l-uffiċċjali tal-LESA qed jissuġġerixxu sabiex isiru double yellow lines man-naħa tad-djar ukoll, linja sħiħa mhux fil-ġnub tal-garaxxi biss.

Il-membri ma qablux li isiru dawn id-double yellow lines minħabba li se jitnaqqas il-parkeġġ.

Il-membri qablu li għandha tintbagħat ittra lir-residenti ta' Fuq tal-Blat sabiex huma jagħżlu liema direzzjoni Triq Dun Rene Cilia għandha tiġi il-one-way sagħtejn filgħodu.

### 14.7.2 Ġnien Salvu Baldacchino (il-Mejlaq)

**Is-Sindku Dr Josef Masini Vento** nforma li wara li tkellem mal-membri tal-Għaqda tan-Nar 23 ta' April, il-bandli / ġnien fuq tal-Blat I għandu jissemma Ġnien Salvu Baldacchino (Il Mejlaq).

Huwa propost li dan il-ġnien jiġi uffiċjalment inawgurat fit-23 ta'April 2025 fis-7 ta' filgħaxija.

Il-Membri kollha preżenti qablu li jissemma Ġnien Salvu Baldacchino (il-Mejlaq) kif propost mis-Sindku.

### 14.7.3 Ġnien Federico Maempel - Proġett INDIS

**Is-Sindku Dr Josef Masini Vento** nforma li ilbieraħ il-Kunsill irċieva l-aħħar pjanta finalizzata tal-proġett fi Pjazza Federico Maempel.

Illum il-Kunsill irċieva korrispondenza mingħand il-Perit Oliver Magro, Chief Officer Project Implemanatation fejn tgħid li wara diskussjonijiet li kellu mal-Awtorità tal-Artijiet infurmawh illi il-pjanta finalizzata u l-elevazzjonijiet tal-art iridu jiġu approvati mill-Awtorità tal-Artijiet qabel jintbagħtu għal-approvazzjoni tal-Awtorità tal-Ippjanar.

Kopja ta' l-aħħar pjanta aġġornata qed tkun iċċirkolata għal-approvazzjoni tal-membri.

Il-membri qablu mal-pjanta aġġornata.

### 14.7.4 Kostruzzjoni ta' Triq San Bastjan

**Is-Sindku Dr Josef Masini Vento** nforma li il-Perit Rebecca Grech din il-ġimgħa infurmat lill-Kunsill li bħalissa għaddej ix-xogħol mal-entitajiet fuq ix-xogħlijiet meħtieġa li isiru fi Triq San Bastjan waqt li tkun maqlugħa.

Il-Perit Grech infurmat illi bħalissa:

- L-entitajiet qed jimmarkaw fejn huma is-servizzi tagħhom.
- Sakemm isiru ix-xogħlijiet it-triq tingħalaq kompletament għat-traffiku.
- l-ewwel fażi tal-proġett ser issir bejn Triq Correa u Triq l-20 ta' Jannar
- it-tieni fażi tal-proġett minn Triq Correa il-fuq jitkompla wara il-festa.
- Ser isir main tal-ilma fuq iż-żewg naħat tat-triq.
- Ġaladarba it-triq titħalla two ways il-bankini se jibqgħu l-istess qies li huma, liema qies huwa anqas minn 1.3metri dak li tirrakkomanda il-Kummissjoni Nazzjonali Persuni b'Diżabilità

Is-Sindku informa li kif kien diġà ikkomunikat mid-Deputat Segretarju Eżekuttiv, il-laqgħa mal-Perit ser issir nhar it-Tlieta 18 ta' Marzu.

### 14.7.5 Xelter taħt il-Knisja ta' San Bastjan

**Is-Sindku Dr Josef Masini Vento** nforma li il-Kunsill rċieva talba mil-Kummissjoni Żgħażagħ Bastjaniżi fi ħdan l-Għaqda Armar San Sebastjan, Għaqda Volontarja b'numru ta' reġistrazzjoni VO/1280, b'referenza għax-xelter li infetaħ fi Triq il-Knisja Arċipretali fi Triq San Bartolomew waqt il-proġett ta' tisbiħ u riġenerazzjoni mill-Kunsill Lokali fl-istess żona.

Illi permezz ta' din il-korrispondenza l-għaqda tixtieq tressaq l-interess tagħha u għaldaqstant qed jitolbu lill-Kunsill sabiex jiġu fdati bl-amministrazzjoni ta' dan ix-xelter.

Il-post fejn jinsab dan ix-xelter huwa fil-qalba tal-komunità u għaldaqstant flimkien mal-għaqdiet l-oħra jemmnu illi jservi ta' post ideali għal diversi attivitajiet organizzati matul is-sena kollha, u dan bil-għan illi jitgawda kemm mir-residenti Qriema, kif ukoll minn kull min jattendi xi attività organizzata tul is-snin.

Il-Kunsillier Fiona Borg Lewis semmiet li kellha talba mill-Għaqda Mużikali San Gorg Martri sabiex jieħdu ħsieb ix-xelter li jinsab taħt il-każin ta' l-istess għaqda.

Saret diskussjoni bejn il-membri u ġie maqbul li il-Kunsill jitlob għad-devoluzzjoni taż-żewġ xelters.

### 14.7.6 Kiosk De La Cruz

**Is-Sindku Dr Josef Masini Vento** nforma li il-Kunsill rċieva talba mingħand Joseph Taliana sabiex jidħol fi ftehim mal-Kunsill għal-kiri tal-Kiosk fi Ġnien De La Cruz.

*I am reaching out to formally express my interest in securing a long-term lease for the F&B outlet at Ġnien De La Cruz. My vision is to transform this space into a high-quality, family-friendly destination that enhances the garden's value while preserving its charm and purpose for the local community.*

*I have enquired some weeks ago and was though that there are pending bills to which I would like to be formerly aware in order to assess the feasibility and sustainability of this undertaking project.*

*I understand the importance of maintaining good standards and ensuring that public spaces are well-managed and beneficial to the community. I am confident that, through this project, we can create a sustainable and well-maintained venue that complements the garden while also supporting the local council's ongoing efforts to preserve its beauty.*

*I would welcome the opportunity to discuss this proposal further and explore how we can collaborate to bring this vision to life.*

Saret diskussjoni bejn il-membri u ġie deċiż li il-Kunsill joħroġ tender għal-konċessjoni ta' l-imsemmi kiosk.

### 14.7.7 Ħlasijiet ta' kontijiet tal-ARMS fil-Kunsilli Lokali

Is-Sindku Dr Josef Masini Vento nforma li il-Kunsill irċieva korrispondenza mingħand is-Sur Mario Fava fejn informa li l-Assoċjazzjoni Kunsilli Lokali ġiet avviċinata mill-ARMS sabiex il-kontijiet tar-residenti jibdew jitħallsu fil-Kunsilli Lokali.

Persentaġġ minn dawn il-ħlasijiet ser jingħata lill-Kunsilli Lokali rispettiv u s-*software* tas-sistema tal-ħlas se tkun provduta mill-ARMS stess. Tajjeb li nżidu li dan is-servizz huwa ta' pagamenti biss.

Dawk il-kunsilli li huma interessati li japplikaw din is-sistema iridu jirreġistraw għal dan.

Id-Deputat Segretarju Eżekuttiv infurmat lill-membri li bl-ammont ta' xogħol li diġà jeżisti fil-customer care u għal-fatt li Hal Qormi hawn il-posta fejn toffri l-istess servizz, ma hiex tal-parir li il-Kunsill jaċċetta tali offerta.

Il-membri ma qablux li jissieħbu mal-Assoċjazzjoni biex il-Kunsill Lokali Hal Qormi joffri dan is-servizz.

**14.7.8 Sistema ta' Ġbir ta' Karti tal-Identità**

**Is-Sindku Dr Josef Masini Vento** nforma li il-Kunsill irċieva korrispondenza mingħand is-Sur Mario Fava fejn informa li l-Assoċjazzjoni Kunsilli Lokali ġiet avviċinata minn Identità sabiex il-karti tal-identità jibdew jinġabru mill-Kunsilli Lokali rispettivi.

Dawk il-kunsilli li huma interessati li japplikaw din is-sistema iridu jirreġistraw għal dan.

Il-membri qablu li jissieħbu mal-Assoċjazzjoni biex il-Kunsill Lokali Hal Qormi joffri dan is-servizz.

**14.7.9 Delegazzjoni Maltija f'Narbonne**

**Is-Sindku Dr Josef Masini Vento** nforma li irċieva korrispondenza mingħand is-Sindku ta' Narbonne Bertnard Malquier li tgħid:

*SUBJECT: Closer ties between the cities of Narbonne and Hal Qormi*
*Mr. Mayor,*
*I take this opportunity at the beginning of the year to send you and your entire team my best wishes for 2025.*
*It was a pleasure to welcome your delegation to our city of Narbonne last October. This cultural exchange between our two territories was a rich and exciting moment, highlighting the importance of Narbonne in the complex history of Mediterranean countries.*
*Your visit also allowed the people of Narbonne to appreciate the talent of the musicians from your Philharmonic Society. Your proposal to bring our two municipalities closer is interesting, and I sincerely thank you for the interest you show in our city and the development of the ties that unite us.*
*However, we are currently entering the pre-election calendar in France, with upcoming deadlines in 2026, which legally impose many constraints on us. This is why, unfortunately, I am not able to give a favorable response to your proposal at the moment.*
*I suggest, however, that you renew it after the election scheduled for March 2026. Thanking you in advance for your understanding, please accept, Mr. Mayor, the expression of my distinguished consideration.*

**14.7.10 Tender Street Lighting Maintenance - Kunsill Reġjonali tan-Nofsinhar**

**Is-Sindku Dr Josef Masini Vento** nforma li il-Kunsill irċieva korrispondenza mingħand ir-Regjun Nofsinhar fejn qed jistaqsu jekk il-Kunsill Lokali hux interessat jipparteċipa fit-tender tal-istreet Lighting li ser jinħareġ mir-Reġjun Nofsinhar.

Il-membri ma qablux sabiex il-Kunsill jipparteċipa fit-tender tal-istreet Lighting li ser jinħareġ mir-Regjun Nofsinhar.

**14.7.11 Skema t'Għajnuna Finanzjarja - Ġimgħa Mqaddsa 2025 - Reġjun Tan-Nofsinhar**

**Is-Sindku Dr Josef Masini Vento** nforma li il-Kunsill irċieva korrispondenza mingħand ir-Regjun Nofsinhar fejn permezz tagħha il-Kunsill ġie infurmat illi il-proposta li ressaq il-Kunsill ġiet approvata mill-Bord tal-għażla. Il-Kunsill se jkun qed jingħata s-somma ta' 800 Ewro biex tkunu tistgħu ttellgħu l-avveniment marbut mal-Ġimgħa Mqaddsa 2025.

**Is-Sindku Dr Josef Masini Vento** fakkar li il-proposta kienet sabiex isiru aktar slaleb bid-dawl għal Triq San Bastjan.

**14.7.12 Intervista re Clerk Scale 15 (sejħa interna)**

**Is-Sindku Dr Josef Masini Vento** nforma li il-Kunsill irċieva żewg espressjonijiet ta' interess għal-impjieg ta' Skrivan/a fi Skala 15 li saret permezz ta' sejħa interna.

Għaldaqstant qed jiġi maqbul illi il-bord tal-għażla se jkun magħmul mis-Sindku Dr Josef Masini Vento u il-Kunsilliera Fiona Borg Lewis u Jurgen Abela.

**14.8 Unaudited Financial Statements 2024**

**Id-Deputat Segretarju Ezekuttiv** resqet għal-approvazzjoni tal-Kunsill l-Unaudited Financial Statements għas-Sena 2024.

Saret diskussjoni bejn il-membri u ġie maqbul li billi kienet għada kemm spiċċat laqgħa mal-accountants tal-Kunsill, il-Kunsill għandu jistenna sakemm id-dokumenti jerġgħu jiġu aġġustati u jiġu ippreżentati id-dokumenti finanzjarji mill-ġdid.

**14.9 Ħwejjeġ Oħra**

**14.9.1 Talbiet għal kumpens minħabba ħsara fi Triq il-Belt Valletta fejn Cimiterju – Martin Cuschieri**

**Id-deputat Segretarju Eżekuttiv** poġġiet fuq il-mejda talba għal kumpens minħabba ħsara ta' €70 li ċertu Martin Cuschieri sofra minħabba ħofra fejn il-Ground fi Triq il-Belt Valletta fl-10 ta' Frar 2025. Id-Deputat Segretarju Eżekuttiv ikkonfermat illi il-hofra

kienet għadha ma ġietx patched fl-imsemmija ġurnata u ikkonfermat illi is-Sur Cuschieri ippreżentat l-evidenza kollha tal-ħsara, inkluż ritratti u rapport tal-pulizija.

F'dawn iċ-ċirkustanzi id-deputat Segretarju Eżekuttiv qed tressaq din it-talba skont iċ-ċirkulari 3/2024 Proċedura Standard għal Talbiet ta' Kumpens.

Il-kunsill approva li sid il-vettura jingħata kumpens ta' € 35, skont il-policy tal-kunsill li il-kunsill jagħti nofs l-ispiża, bl-ispiża ma teċċedix it-€80 euro u għandu jiġi infurmat li tali ħlas qed jingħata mingħajr preġudizzju.

**14.9.2 Talbiet għal kumpens minħabba ħsara fi Triq il-Belt Valletta fejn Ground – Maria Anna Debono**

**Id-deputat Segretarju Eżekuttiv** poġġiet fuq il-mejda talba għal kumpens minħabba ħsara ta' €70 li ċertu Ms Maria Anna Debono sofriet minħabba ħofra fejn il-Ground fi Triq il-Belt Valletta fil-11 ta' Frar 2025. Id-Deputat Segretarju Ezekuttiv ikkonfermat illi il-hofra kienet għadha ma ġietx patched fl-imsemmija ġurnata u ikkonfermat illi is-Sinjura Debono ippreżentat l-evidenza kollha tal-ħsara, inkluż ritratti u rapport tal-pulizija.

F'dawn iċ-ċirkustanzi id-deputat Segretarju Eżekuttiv qed tressaq din it-talba skont iċ-ċirkulari 3/2024 Proċedura Standard għal Talbiet ta' Kumpens.

Il-kunsill approva li sid il-vettura jingħata kumpens ta' € 35, skont il-policy tal-kunsill li il-kunsill jagħti nofs l-ispiża, bl-ispiża ma teċċedix it-€80 euro u għandu jiġi infurmat li tali ħlas qed jingħata mingħajr preġudizzju.

**14.9.3 Talbiet għal kumpens minħabba ħsara fi Triq il-Belt Valletta fejn Ground – Claire Trapani**

**Id-deputat Segretarju Eżekuttiv** poġġiet fuq il-mejda talba għal kumpens minħabba ħsara ta' €165 li ċertu Ms Claire Trapani sofriet minħabba ħofra fejn il-Ground fi Triq il-Belt Valletta fil-12 ta' Frar 2025 fit-8.45am. Id-Deputat Segretarju Eżekuttiv ikkonfermat illi il-ħofra kienet għadha ma ġietx patched dak il-ħin ghaliex issewwiet f'xi ħin wara 9.30am u ikkonfermat illi is-Sinjura Trapani ippreżentat l-evidenza kollha tal-ħsara, inkluż ritratti u rapport tal-pulizija.

F'dawn iċ-ċirkustanzi id-deputat Segretarju Eżekuttiv qed tressaq din it-talba skont iċ-ċirkulari 3/2024 Proċedura Standard għal Talbiet ta' Kumpens.

Il-kunsill approva li sid il-vettura jingħata kumpens ta' €80, skont il-policy tal-kunsill li il-kunsill jagħti nofs l-ispiża, bl-ispiża ma teċċedix it-€80 euro u għandu jiġi infurmat li tali ħlas qed jingħata mingħajr preġudizzju.

### 14.9.4 Talbiet għal kumpens minħabba ħsara fi Triq il-Belt Valletta fejn Ground – Amy Cardona

**Id-deputat Segretarju Eżekuttiv** poġġiet fuq il-mejda talba għal kumpens minħabba ħsara ta' €120 li ċertu Ms Amy Cardona sofriet minħabba ħofra fejn il-Ground fi Triq il-Belt Valletta fil-11 ta' Frar 2025. Id-Deputat Segretarju Eżekuttiv ikkonfermat illi il-hofra kienet għadha ma ġietx patched fl-imsemmija ġurnata u ikkonfermat illi is-Sinjura Cardona ippreżentat l-evidenza kollha tal-ħsara, inkluż ritratti u rapport tal-pulizija.

F'dawn iċ-ċirkustanzi id-deputat Segretarju Eżekuttiv qed tressaq din it-talba skont iċ-ċirkulari 3/2024 Proċedura Standard għal Talbiet ta' Kumpens.

Il-kunsill approva li sid il-vettura jingħata kumpens ta' € 60, skont il-policy tal-kunsill li il-kunsill jagħti nofs l-ispiża, bl-ispiża ma teċċedix it-€80 euro u għandu jiġi infurmat li tali ħlas qed jingħata mingħajr preġudizzju.

### 14.9.5 Talbiet għal kumpens minħabba ħsara fi Triq il-Belt Valletta fejn tad-Donuts – Omar Mizzi

**Id-deputat Segretarju Eżekuttiv** poġġiet fuq il-mejda talba għal kumpens minħabba ħsara ta' €160 li ċertu Omar Mizzi sofra minħabba ħofra fejn tad-Donuts fi Triq il-Belt Valletta fl-14 ta' Frar 2025. Id-Deputat Segretarju Eżekuttiv ikkonfermat illi il-ħofra kienet għadha ma ġietx patched fl-imsemmija ġurnata u ikkonfermat illi is-Sur Mizzi ippreżentat l-evidenza kollha tal-ħsara, inkluż ritratti u rapport tal-pulizija.

F'dawn iċ-ċirkustanzi id-deputat Segretarju Eżekuttiv qed tressaq din it-talba skont iċ-ċirkulari 3/2024 Proċedura Standard għal Talbiet ta' Kumpens.

Il-kunsill approva li sid il-vettura jingħata kumpens ta' € 80, skont il-policy tal-kunsill li il-kunsill jagħti nofs l-ispiża, bl-ispiża ma teċċedix it-€80 euro u għandu jiġi infurmat li tali ħlas qed jingħata mingħajr preġudizzju.

### 14.9.6 Talbiet għal kumpens minħabba ħsara fi Triq il-Belt Valletta fejn Cimiterju – minghajr evidenza minn fuq il-post

**Id-deputat Segretarju Eżekuttiv** poġġiet fuq il-mejda talba għal kumpens minħabba ħsara ta'

**€200 fil-11 ta' Frar - Rodney Gatt**
**€120 fid- 9 ta' Frar - George Tabone**
**€120 fid-9 ta' Frar - Alfred Tabone**
**€195 fil-11 ta' Frar – Elton Debono**

Dawn is-Sinjuri qed isostnu li sofrew l-imsemmija ħsarat f'ħofra fejn iċ-Ċimiterju fi Triq il-Belt Valletta fid-dati hawn fuq imsemmija.

Id-Deputat Segretarju Eżekuttiv ikkonfermat illi il-ħofra kienet għadha ma ġietx patched fl-imsemmija ġurnata.

Ikkonfermat ukoll illi minkejja li ġew ippreżentati rapporti li saru fl-għassa tal-pulizija ma ingħatatx evidenza kollha tal-ħsara, inkluż ritratti minn fuq il-post. Is-Sinjuri Tabone preżentaw l-istess irċevuta, il-ħsara ta' dawn l-erba vetturi issewwiet fl-istess garaxx u ir-ritratt li pproduċew huma l-istess u mhux min fuq il-post.

Saħansitra wieħed mis-Sinjuri hawn fuq Is-Sur Debono bagħat, x'aktarx bi żball, screenshot ta' whats app chat bejnu u bejn sid il-garaxx jgħidlu x'għandu jagħmel u x'jibgħat il-Kunsill.

F'dawn iċ-ċirkustanzi id-deputat Segretarju Eżekuttiv qed tressaq din it-talba skont iċ-ċirkulari 3/2024 Proċedura Standard għal Talbiet ta' Kumpens.

Il-kunsill ma approvax li dawn is-Sinjuri jingħataw kumpens minħabba li tali informazzjoni preżentata ma hiex affidabbli.

14.9.7 **Il-Kunsillier Alessio De Carlo** staqsa fil-proposta li jinxtraw scooters għal-pulizija tal-komunità.

Id-Deputat Segretarju Eżekuttiv infurmat lill-membri li l-Ispettur inkarigat mit-taqsima tal-Pulizija tal-komunità informaha li tali scooters ma humiex approvati mill-Korp u għaldaqstant il-Pulizja ma jistgħux jużawhom. Minflok l-Ispettur issuġġerixxa li jinxtraw E-bikes.

14.9.8 **Il-Kunsillier Elke Cassar Sghendo** nformat lill-membri li nhar il-Ġimgħa 28 ta' Frar flimkien mal-Kunsillier Jurgen Abela iltaqgħet mas-Superjur tal-museum tas-subien u ġie maqbul li it-tabella li hemm għandhom jinqalgħu u ssir oħra iktar viżibbli fil-bidu ta' triq dejjem bil-permess ta' sid id-dar. Il-ħinijiet li qbilna fuqhom huma tliet kwarti fid-dħul u tliet kwarti fil-ħruġ (ħinijiet ta' dħul u ħruġ)

**Il-Kunsillier Jurgen Abela** issuġġerixxa li minn Triq Santa Katerina kantuniera ma Triq l-Isqof Scicluna isiru tabelli ta' slow u tabelli li jindikaw li se jaqsmu it-tfal.

14.9.9 **Il-Kunsillier Elke Cassar Sghendo** talbet sabiex issir hashed box fi Triq il-Wied faċċata tal-Kaxxi tal-BCRS ħalli vetturi ma jibqgħux jipparkjaw bl-addoċċ u il-vetturi ġejjin minn Triq l-Għargħar ikunu jistgħu joħorġu.

14.9.10 **Il-Kunsillier Elke Cassar Sghendo** qed tissuġġerixxi li għal-European week for waste reduction li se tiġi ċċelebrata bejn it-22 u it-30 ta' Novembru, jiġu iddisinjata kalendarji multilingwal u jitqassmu fid-djar. Minħabba li jinvolvu spejjez biex issiru, qed tissuġġerixxi li tintalab l-għajnuna tal-NGO's sabiex dawn il-kalendarji jitqassmu minnhom.

14.9.11 **Il-Kunsillier Elke Cassar Sghendo** qed tissuġġerixxi li is-sena id-dieħla għal Jum il-Mara il-Kunsill għandu jorganizza serata fejn jingħata ġieh lill-mara Qormija.

14.9.12 **Il-Kunsillier Elke Cassar Sghendo** qed tissuġġerixxi li fl-okkażjoni tal-World Strays Day tintbagħat ittra lill-iskejjel fejn tissuġġerixxi lit-tfal jieħdu ikel tal-qtates sabiex jitqassmu ma dawk li jitimgħu il-qtates Hal Qormi.

14.9.13 **Il-Kunsillier Elke Cassar Sghendo** nformat lill-membri li SOS Malta qed jorganizzaw Wellness Sessions u joffru is-servizz ta' Kellimni.Com u talbet sabiex il-Kunsill jippromovi dan is-servizz fil-paġna tiegħu.

14.9.14 **Il-Kunsillier Elke Cassar Sghendo** issuġġeriet li għal żmien il-ġimgħa il-kbira dawk li jarmaw xi wirja jintalbu jibgħatu il-poster u dawn il-posters jinħargu online fuq il-paġna tal-Kunsill.

14.9.15 **Il-Kunsillier Elke Cassar Sghendo** staqsiet fhiex waslu il-cctv kameras manwali.

Il-Vici Sindku Xandru Mallia informa li hu qed jaħdem fuq dawn il-kameras.

14.9.16 **Il-Kunsillier Elke Cassar Sghendo** staqsiet fhiex wasal it-taraġ ta' bejn Triq il-Wied u Triq Gorg Mifsud Chircop.

Id-Deputat Segretarju Eżekuttiv nformat lis-Sinjura Cassar Sghendo li għada qed tistenna risposta mingħand il-perit tal-kunsill.

14.9.17 **Il-Kunsillier Elke Cassar Sghendo** staqsiet jekk kienx hemm risposta sabiex ir-rotta 64 tibda tidħol minn Triq il-Wied.

14.9.18 **Il-Kunsillier Elke Cassar Sghendo** staqsiet jekk kienx hemm xi risposta fuq il-parkeggi ta' Triq Guze Galea.

Id-Deputat Segretarju Eżekuttiv nformat li dawk ser isiru mill-Public Works.

14.9.19 **Il-Kunsillier Elke Cassar Sghendo** talbet sabiex isiru linji tal-parkeġġ fi Triq id-Dukkara.

Id-Deputat Segretarju Eżekuttiv nformat li f'toroq bil-konkos ma jsirux linji tal-parkeġġ.

**Il-Kunsillier Daniel Ablett** informa li jekk ser isiru tali linji kif inhi it-triq bħalissa, se jitnaqqsu aktar parkeġġi .

**Is-Sindku Dr Josef Masini Vento** issuġġerixxa li tintbagħat ittra lir-residenti fejn jiddeċiedu huma isirux issa jew meta tingħata it-triq bit-tarmak.

14.9.20 **Il-Kunsillier Elke Cassar Sghendo** infurmat lill-membri li hemm residenti li huma interessati li jidħlu fis-sotto kumitati u għalhekk issuġġeriet lill-kunsilliera sabiex jagħqdu sotto kumitat.

14.9.21 **Il-Kunsillier Elke Cassar Sghendo** infurmat lill-membri rigward iż-żewg bus stops fi Triq id-Deheb Fin u Triq Anici. Is-Sinjura Cassar Sghendo nformat lill-membri li il-Perit tal-Kunsill għadda xi pjanti lill-kuntrattur tal-Bus Stops u il-proċess qiegħed mixi.

14.9.22 **Il-Kunsillier Daniel Ablett** staqsa fhiex waslu l-applikazzjoni ta' diversi zebra crossings.

Id-Deputat Segretarju Eżekuttiv infurmat lill-membri li ta' fejn ir-razzett l-Antik fi Triq il-Wied ma ġietx approvata. Filwaqt li ġew approvati ta' Triq il-Ħelsien, Triq il-Ħammieri, Triq il-Kbira u Triq Correa.

14.9.23 **Il-Kunsillier Daniel Ablett** nforma lill-membri li kellu laqgħa mas-Sindku tal-Marsa u ma Kunsilliera min Hal Luqa u Santa Venera sabiex jiddiskutu pjan li għas-sajf jiġi organizzat Summer league bejn diversi tims minn 4 lokalitajiet.

Il-membri qablu li hija inizjattiva sabiħa.

**14.9.24** **Il-Kunsillier Daniel Ablett** nforma lill-membri li il-Qormi Football Club organizza Karnival Tournament bit-trofej jiġu sponsored mill-Kunsill Lokali Hal Qormi bi spiża ta' madwar €400.

Il-membri qablu ma din l-ispiża.

**14.9.25** **Il-Kunsillier Jurgen Abela** staqsa fhiex waslet it-talba li reġa' għamel il-Kunsill sabiex Triq il-Barrakki tinbidel lura fid-direzzjoni li kienet.

Id-Deputat Segretarju Eżekuttiv nformat illi l-applikazzjoni intbagħtet iżda Transport Malta ma aċċettawhiex kif kienet u talbu sabiex jerġa jintbagħat Traffic management ġdid. Liema pjanti u applikazzjoni ġdida se jintbagħtu lill-Transport Malta fil-jiem li ġejjin.

**14.9.26** **Il-Kunsillier Fiona Borg Lewis** infurmat lill-membri li il-Lands informawha li il-parti ta' isfel ta' Ġnien De La Cruz tista' tiġi devoluta lill-Kunsill ġaladarba li Scouts mhumiex interessati aktar li joħduha huma.

**14.9.27** **Il-Kunsillier Fiona Borg Lewis** staqsiet fuq il-billboards li hemm fi Ġnien De La Cruz, minħabba li hemm xi ħadd interessat li jpoġġi billboard.

Id-Deputat Segretarju Eżekuttiv nformat li il-kumpanija li hemm ftehim magħha bħalissa għandha tliet billboards u l-aħħar ħlas tagħhom sar fi Frar 2025.

**14.9.28** **Il-Kunsillier Fiona Borg Lewis** nformat li ħarġet skema bl-isem Tagħna it-Tfal fejn hija immirata għat-tfal tal-kunsilliera u tal-impjegati li jkunu xogħol filgħaxija jew waqt Seduta.

Il-Kunsillier Daniel Ablett informa li hu għandu tifel żgħir iżda mhux interessat f'din l-iskema.

Id-Deputat Segretarju Eżekuttiv nformat li lanqas hi ma hi interessata.

Il-Kunsillier Elke Cassar Sghendo qalet li hija nanna u tajjeb li napplikaw.

Saret diskussjoni bejn il-membri u minħabba xogħol li tirrikjedi l-applikazzjoni u billi il-kunsill irid jibgħat spejjez involuti fi twettieq ta' din l-iskema, ġie deċiż li din is-sena il-Kunsill ma japplikax għal-iskema Tagħna it-Tfal.

14.9.29 **Il-Kunsillier Fiona Borg Lewis** issuġġeriet sabiex jitwaħħlu tabelli madwar Hal Qormi jindikaw kemm hemm ħin biex timxi min tali post sa postijiet ċentrali bħal knisja.

14.9.30 **Il-Kunsillier Fiona Borg Lewis** issuġġeriet li ghal Fond tal-Attivatijet Kulturali il-Kunsill japplika sabiex terġa issir Lejl F'Casal Fornaro.

Is-Sindku Dr Josef Masini Vento ġibed l-attenzjoni li l-isem u l-attività ma kienetx tal-kunsill iżda ta' għaqda f'Hal Qormi

Il-Kunsillier Borg Lewis tissuġġerixxi li issir bejn l-għaqdiet taż-żewg parroċċi.

Il-Kunsillier Daniel Ablett qal li fl-opinjoni tiegħu il-Kunsill ma għandux jidħol f'attivitajiet li jorganizzaw l-għaqdiet, iżda jaqbel li jekk se jorganizza attività il-Kunsill jinvolvu l-għaqdiet kollha f'Hal Qormi.

14.9.31 **Il-Kunsillier Fiona Borg Lewis** infurmat li tkellmet mal-Public Works u ġiet infurmata li il-proposti kollha mibgħuta mill-Kunsill ġew aċċettati.

14.9.32 **Il-Kunsillier Elke Cassar Sghendo** infurmat li it-trinka tal-GO li tħaffret fi Triq il-Belt Valletta ser isir resurfacing tagħha fil-weekend li ġej.

14.9.33 **Il-Vici Sindku Xandru Mallia** nforma lill-membri li daħlet applikazzjoni il-Planning Authority bin-numru 01790/25 sabiex tinbena binja 3+1 f'zona UCA fi Triq l-Isqof Scicluna.

Saret diskussjoni bejn il-membri u kollha qablu li il-Kunsill iddaħħal oġġezzjoni fuq dan il-permess ta' żvilupp.

**14.10 Mozzjonijiet**

**14.10.1 Mozzjoni Nru 10 (IX) imressqa mis-Sindku Dr Josef Masini Vento**

Nipproponi li l-Kunsill, fuq ir-rakkomandazzjoni tas-Segretarju Eżekuttiv, il-Kunsill japprova l-Performance Bonus tal-impjegati kif ġej:

| | |
|---|---|
| Marilyn Baldacchino | 10% |
| Ritienne Sammut | 9% |
| Bernice Darmanin | 8% |
| Vanessa Edwards | 8% |

| | |
|---|---|
| Ritianne Attard | 8% |
| Gabriella Magro | 7% |
| Maria Cauchi | 9% |
| Jane Chetcuti | 9% |

Nipproponi wkoll li l-Kunsill jirrakkomanda lid-Dipartiment għall-Gvern Lokali, li s-Segretarju Eżekuttiv is-Sinjura Karen Camilleri tingħata 7 % performance bonus, filwaqt li id-Deputat Segetarju Ezekuttiv Marilyn Baldacchino Gatt tingħata 10 % skont ir-rapport imħejji minni u diskuss mal-istess Segretarju Eżekuttiv.

Il-Kunsill approva l-mozzjoni b'mod unanimu.

**14.10.2** **MOZZJONI NRU 11 (IX)**

**Mozzjoni re Applikazzjoni għal Skemi u Fondi maħruġa minn żmien għal żmien**

**Mozzjoni mressqa mill-Kunsillier Fiona Borg Lewis**

**Il-Kunsillier Fiona Borg Lewis** qed tressaq għall-approvazzjoni tal-Kunsill, li għandha tiġi krejata lista li qed nehmeż ma din l-mozzjoni biex kull fond u kull skema li tinħareġ għanda tkun imniżżla f'din il lista fejn tinkludi ftit dettalji tal-iskema, data tal-għeluq, meta ssotomejna l-applikazzjoni, jekk ħadniex dawn il fondi u meta ġbarna dawn il fondi.
Din il lista għanda tiġi aġġornata minn xahar għal xahar biex Kulhadd ikun jaf xi progress qed issir u kif qed issir l-implimentazzjoni ta l-iskema jew fond partikolari.

**Il-Kunsillier Fiona Borg Lewis** qed tissuġġerixxi li il-fondi li il-Kunsill jirċievi għal skemi li ikunu għadhom ma ġewx imwettqa jiġu iddepożitati f'kont separat.

**Il-Kunsillier Elke Cassar Sghendo** ssekonda il-Mozzjoni.

Ivvutaw favur it-tminn (8) kunsilliera preżenti.

Ma kien hemm ħadd kontra (0) u ma kien hemm l-ebda (0) astensjoni.

Mozzjoni NRU 11 (IX) ġiet approvata.

## 14.10.3 MOZZJONI NRU 12 (IX)

**Mozzjoni re Rikostruzzjoni tat-toroq mill Infrastruttura Malta**

**Mozzjoni mressqa mill-Kunsillier Fiona Borg Lewis**

Nirreferi għal laqgħa li saret fis 6 ta Frar 2025, mis-Sindku Josef Masini Vento u l-Kunsilliera Fiona Borg Lewis mas-Sur Steve Ellul, Kap Eżekuttiv ta Infrastruttura Malta, fejn ġew diskussi t toroq li jridu jsiru min naħa tal-entita, b'mod urġenti.

Qed inpoġġi kopja ta' ittra elettronika li intbagħtet lis Sur Ellul wara din il laqgħa fejn hemm elenku tat-toroq li għandhom bżonn xogħol urġenti.

Dawn it-toroq huma:

- Triq il-Vitorja
- Triq il-Ħelsien
- Triq il-Belt Valletta
- Triq San Edwardu

**Il-Kunsillier Elke Cassar Sghendo** ssekonda il-Mozzjoni.

Ivvutaw favur it-tminn (8) kunsilliera preżenti.

Ma kien hemm ħadd kontra (0) u ma kien hemm l-ebda (0) astensjoni.

Mozzjoni NRU 12 (IX) ġiet approvata.

## 14.11 Tmiem tal-Laqgħa u data tas-seduta li jmiss

Il-laqgħa ntemmet fl-10.00 ta' filgħaxija u ġiet aġġornata għal nhar it-Tlieta 8 ta' April 2025 fis-6.00 ta' filgħaxija.

Konfermati llum, ***8 ta' April 2025***.

| | |
|---|---|
| Josef Masini Vento (Dr) | Marilyn Baldacchino Gatt |
| Sindku | Deputat Segretarju Eżekuttiv |